

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/746**tat-13 ta' Mejju 2022****dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Italja***(notifikata bid-dokument C(2022)3240)***(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 259(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa marda virali infettiva li taffettwa l-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u jista' jkollu impatt qawwi fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernata u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u b'hekk jikkawża tfixkil għall-movimenti ta' kunsinni ta' dawk l-annimali u l-prodotti tagħhom fi ħdan l-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.
- (2) Fil-każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'xi annimali porċini selvaġġi, ikun hemm ir-riskju serju li dik il-marda tinxtered fost annimali porċini selvaġġi oħra u fl-azjendi li jżommu l-annimali porċini.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687⁽²⁾ jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, u definiti bħala mard tal-kategorija A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882⁽³⁾. B'mod partikolari, l-Artikoli 63 sa 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu ċerti miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' konferma uffiċjali ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A f'annimali selvaġġi, inkluż id-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi. B'mod notevoli, dawk id-dispożizzjonijiet jipprevedu l-istabbiliment ta' żona infettata u projbizzjonijiet fuq il-moviment tal-annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati u tal-prodotti li joriġinaw minnhom.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605⁽⁴⁾ jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali tal-mard rigward id-deni Afrikan tal-ħnieżer. B'mod partikolari, fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda f'xi annimali porċini selvaġġi f'żona ta' Stat Membru, il-punt (b) tal-Artikolu 3, ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi l-istabbiliment ta' żona infettata f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Minbarra dan, l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi li dik iż-żona għandha tiġi elenkata bħala żona ristretta II fil-Parti II tal-Anness I tiegħu u li ż-żona infettata, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, tiġi aġġustata mingħajr dewmien biex tkun tinkludi mill-inqas iż-żona ristretta II. Il-miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 jinkludu, fost l-oħrajn, il-projbizzjonijiet fuq il-movimenti tal-kunsinni tal-annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u l-prodotti minnhom barra minn dawk iż-żoni ristretti.

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat. (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605 tas-7 ta' April 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer (ĠU L 129, 15.4.2021, p. 1).

- (5) Wara tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'xi annimali porċini selvaġġi fil-Muniċipalitá ta' Ruma fl-Italja, dak l-Istat Membru informa lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fit-territorju tiegħu, u stabbilixxa żona infettata f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605.
- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/717 ^(⁹) ġiet adottata wara l-informazzjoni li waslet mingħand dak l-Istat Membru dwar dik it-tifqigħa.
- (7) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/717 'l hawn, is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Italja kompliet tevolvi fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Muniċipalitá ta' Ruma, u l-Italja implimentat kif xieraq il-miżuri ta' kontroll meħtieġa u ġabret *data* ta' sorveljanza addizzjonali.
- (8) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' ostakli mhux iġġustifikati fil-kummerċ minn pajjiżi terzi, fil-livell tal-Unjoni u b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru jeħtieġ tiġi identifikata ż-żona infettata għad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Italja. Din iż-żona infettata tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Italja.
- (9) Sabiex jiġi evitat aktar tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, sakemm iż-żona tal-Italja milquta mit-tifqigħa riċenti tiġi elenkata bħala żona ristretta II fil-Parti II tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605, il-miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stipulati fih, li japplikaw għall-movimenti tal-kunsinni tal-annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u tal-prodotti minnhom barra minn dawn iż-żoni, jenħtieġ li jkunu japplikaw ukoll għall-movimenti ta' daww il-kunsinni miż-żona infettata stabbilita fl-Italja wara t-tifqigħa riċenti, apparti l-miżuri stipulati fl-Artikoli 63 sa 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li ż-żona infettata tiġi elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li tkun soġġetta għall-miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer li japplikaw għaż-żoni ristretti II stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605. Madankollu, minħabba din is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġdida tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u filwaqt li titqies iż-żieda fir-riskju immedjat li din il-marda tkompli tinxtered, jenħtieġ li f'konformità ma' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jiġux awtorizzati movimenti tal-kunsinni tal-annimali porċini miżmuma u tal-prodotti minnhom lejn Stati Membri oħra u lejn il-pajjiżi terzi miż-żona infettata. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi wkoll id-durata tal-elenkar taż-żona.
- (11) Għalhekk, sabiex jittaffew ir-riskji li jirriżultaw mit-tifqigħa reċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-annimali porċini selvaġġi fl-Italja, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tipprevedi li l-movimenti lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi ta' kunsinni ta' annimali porċini fiż-żona infettata u l-prodotti minnhom jenħtieġ li ma jiġux awtorizzati mill-Italja sad-data tal-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni.
- (12) Għalhekk, iż-żona infettata fl-Italja jenħtieġ li tiġi stabbilita minnufih u tiġi elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni flimkien mad-durata tal-elenkar taż-żona.
- (13) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/717 jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Italja għandha tiżgura li żona infettata għad-deni Afrikan tal-ħnieżer tiġi stabbilita minnufih mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u l-Artikolu 3(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605, u li tkun tinkludi mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/717 tas-6 ta' Mejju 2022 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Italja (ĠU L 133, 10.5.2022, p. 42).

Artikolu 2

L-Italja għandha tiżgura li l-miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer applikabbli għaż-żoni ristretti II stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 japplikaw fiż-żoni elenkati bħala żoni infettati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, apparti l-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 63 sa 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 3

L-Italja għandha tiżgura li l-kunsinni tal-annimali porċini miżmuma fiż-żoni elenkati bħala żoni infettati fl-Anness u tal-prodotti minnhom ma jiġux awtorizzati għall-movimenti lejn Stati Membri oħra u lejn il-pajjiżi terzi.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/717 tiġħassar.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Awwissu 2022.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Żoni stabbiliti bħala ż-żona infettata fl-Italja kif imsemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
<p>Iż-żona fil-Muniċipalità ta' Ruma bil-limiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none">• Nofsinhar: Circonvallazione Clodia, Via Cipro, Via di San Tommaso D'Acquino, Via Arturo Labriola, Via Simone Simoni, Via Pietro De Cristofaro, Via Baldo Degli Ubaldi;• Lbiċ: Via di Boccea sal-intersezzjoni ma' Via della Storta;• Punent-Majjistral: Via della Storta, Via Cassia (SS2) sal-intersezzjoni ma' Via Cassia Veientana (SR 2bis);• Grigal: Via Cassia Veientana (SR 2bis) sal-intersezzjoni mal-Awtostrada A90 (Grande Raccordo Anulare), l-Awtostrada A90 sal-intersezzjoni max-xmara Tevere;• Lvant - Xlokk: Ix-xmara Tevere.	il-31 ta' Awwissu 2022